MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 429/2008

Kawza fil-lista: 19

**A B f'isimha proprju u**

**bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D,**

**li gie kjamat fil-kawza permezz tal-istess digriet**

**vs**

**E D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tas-6 ta’ Novembru 2008 li jaqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti u l-konvenut kellhom relazzjoni bejniethom, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel C li gie rikonoxxut mill-istess konvenut u llum ghandu erba' (4) snin.

2. Illi l-konvenut qatt ma kkontribwixxa b'mod sinifikativ ghall-manteniment ta' l-imsemmi wild minuri, u matul l-ahhar sena huwa gie li ma kien jghaddi xejn f'idejn l-esponenti ghall-iskop li hija tmantni lil binhom. Hija qeghda tmantni lit-tifel unikament bl-isforzi taghha.

3. Illi l-esponenti giet awtorizzata debitament minn din l-Onorabbli Qorti biex tipproponi din l-istanza in forza ta' Digriet taghha li jgib in-numru 1475/08.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tordna lill-istess konvenut sabiex ihallas manteniment xieraq ghall-imsemmi tifel minuri C li kellhom il-partijiet kif fuq spjegat, b'dawk il-modalitajiet ta' hlas li jinhass li jkunu opportuni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk relattivi ghall-medjazzjoni li pprecediet din l-istanza permezz ta’ l-Ittra numru 239/08, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenutipprezentata fit-28 ta’ Novembru 2008 li taqra kif gej:-

1. Illi l-kawza kif maghmula mill-attrici safejn jirrigwarda l-minuri, din hija malraprezentata in kwantu li ma gewx segwiti l-formalitajiet li gew stabbiliti fil-kawza Carmen B pro.et noe. vs Wail Dadouch et tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'sentenza datata 6 ta' Frar 2003, per Imhallef Joseph R. Micallef, u ghalhekk l-esponent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fit-tieni 1ok u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost 1-konvenut dispost li jhallas manteniment basta jkun gust u ekwu fid-dawl tal-fatt li l-istess konvenut ghandu paga minima.

3. Illi di piu' irid jittiehed kont li l-attrici tahdem u ghandha obbligu li tmantnit-tarbija daqs il-konvenut.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat id-digriet moghti fl-24 ta' Settembru 2009 minn din il-Qorti diversament preseduta li permezz tieghu il-konvenut gie kkundannat ihallas manteniment *pendente lite* ghall-minuri fis-somma ta' €165.00 fix-xahar.

Rat in-nota ta' osservazzajonijiet tal-attrici tas-7 ta' Mejju 2013.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut tat-2 ta' Lulju 2013

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2014.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Illi fis-26 ta' Awissu 2004 il-partijiet kellhom tifel, C, minn relazzjoni extra matrimonjali. Illum ghandu disa' snin. Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas manteniment ghall-minuri.

Permezz tar-risposta guramentata tieghu il-konvenut ressaq zewg eccezzjoni. Permezz tal-ewwel eccezzjoni huwa eccepixxa li l-kawza hija malraprezentata liema eccezzjoni pero' giet sorvolata in kwantu l-partijiet iddikjaraw fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2009 illi "l-kontestazzjoni hija limitata ghall-quantum tal-manteniment dovut mill-konvenut". Fit-tieni eccezzjoni tieghu il-konvenut, ghalkemm jirrikonoxxi li ghandu l-obbligu versu l-minuri tal-hlas tal-manteniment, jikkontendi li dan ghandu "jkun gust u ekwu fid-dawl tal-fatt li l-istess konvenut ghandu paga minima".

Mill-provi imressqa jirrizulta illi l-attrici hija impjegata ma' kumpanija u ghandha salarju gross ta' circa erbatax-il elf ewro (€14,000) fis-sena. Fl-affidavit taghha[1] spjegat illi hija tghix flimkien mal-minuri ma' ommha. Thallas lill-ommha circa sittin ewro (€60) fix-xahar talli tohdilha hsieb lill-minuri waqt li tkun xoghol. Ghalkemm ma thallasx kera pero' tikkontribwixxi ghall-hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma tad-dar fejn tghix li jlahhqu medja ta' tnejn u sebghin ewro (€72) fix-xahar. Spjegat ukoll illi dwar spejjez rikorrenti tal-minuri ghandha medja ta' mija u hamsa u tmenin ewro (€180) fix-xahar. Peress li l-minuri jirrikjedi 'orthopaedic shoes' allura l-ispejjez relatati max-xiri ta' zraben ghall-minuri huma elevati. L-attrici spjegat illi min dejjem kellha diffikulta' biex tircevi l-manteniment tal-minuri minghand il-konvenut.

Fil-bidu tal-kawza il-konvenut kien impjegat ma' kumpanija b'salarju medju ta' circa seba' mitt ewro (€700) fix-xahar. Skond ittra rilaxxjata mill-kumpanija li kienet thaddem lill-konvenut[2], l-impieg tal-konvenut minn maghha gie terminat b'effett minn Lulju 2011 peress li gie dikjarat li l-kumpanija ma kelliex xoghol ghall-konvenut.

Fl-1 ta' April 2013 l-konvenut applika ghall-pensjoni tal-invalidita' minhabba ugigh f'daru u fit-22 ta' April 2013 inghata l-pensjoni tal-invalidita' ghal zmien sena. L-applikazzjoni giet prezentata flimkien ma' certifikat mit-tabib kuranti il-Konsulent Neurologiku Dr Anthony Galea Debono fis-sens li l-konvenut kellu kondizzjoni kronika f'dahru li qed tikkawzalu ugigh.

Dr Galea Debono tela jixhed fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2013[3]. Xhed illi minn rizultat tal-MRI irrizulta li l-konvenut xatika, deskritta f'termini medici bhala "right medico lateral disc protrusion with impingment of the right L5 nerve foot." Spjega li ma hux rakkomandabbli li

[1] Fol. 16
[2] Fol. 332
[3] Fol. 370

l-konvenut jaghmel xoghol ta' irfih u ta' strapazz ghalkemm spjega li xoghol li ma jinvolviex irfih jew strapazz iehor huwa jista' jaghmlu.

Rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali xhed[4] illi minn April 2013 il-konvenut beda jircevi pensjoni tal-invalidita' ghal sena bir-rata ta' €110.87 fil-gimgha, €3.12 bhala 'additional bonus' kif ukoll bonus ta' kull sitt xhur li jammonta ammontanti ghal €5.20 fil-gimgha. B'hekk id-dhul tal-konvenut mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jammonta ghal €119.19

L-attrici pero' tikkontendi illi (1) mhux minnu li l-konvenut m'ghandux dhul iehor u (2) illi huwa kapaci jahdem nonostante li qed jircevi l-pensjoni tal-invalidita'. In sostenn ta' dan ipprezentat numru ta' ritratti[5] li juru lill-konvenut jaghmel xoghol manwali. L-attrici sejhet lill-konvenut in subizzjoni fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2013[6] fejn muri ir-ritratti imsemmija ammetta li huwa minnu li kien qed jahdem izda dan peress li dak iz-zmien ma kellu dhul ta' xejn.

**Konsiderazzjonijiet**.

Jirrizulta mix-xhieda ta' Dr Anthony Galea Debono illi ghalkemm il-konvenut ghandu kundizzjoni medika f'daharu deskritta bhala xjatika, huwa xorta kapaci jaghmel xoghol basta li ma jkunx jirrikjedi tqandil u strapazz. Jirrizulta li bejn Lulju 2011 u Mejju 2012 il-konvenut kien jahdem bhala xufier mal-kumpanija Arriva. Skond il-provi imressqa mill-konvenut huwa spicca mill-impieg ta' sewwieq mal-kumpanija Arriva ghar-raguni deskritta bhala "ansjeta'" u mhux minhabba l-kondizzjoni ta' dahru. Skond dak li xhed Dr Galea Debono, ix-xoghol ta' xufier jaqa' taht il-kategorija ta' hidma li l-konvenut jista' jaghmel. Il-fatt li l-konvenut gie skopert mill-attrici li qed jahdem xoghol manwali jikkonferma dak li xhed Dr Galea Debono illi l-konvenut ma hux kompletament invalidat. Dan hu kkonfermat ukoll mill-fatt illi l-Bord Mediku tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ikkonceda lill-konvenut pensjoni tal-invalidita' ghal zmien sena biss sabiex wara il-kaz tieghu jerga' jigi investigat mill-gdid. Mhux accettabbli illi missier ta' 37 sena bl-obbligu li jmantni ibnu minuri jiehu din

[4] Fol. 417
[5] Fol. 383-388
[6] Fol. 377

l-attitudni fil-konfront tal-obbligi tieghu. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova konkreta illi verament f'Mejju 2012 huwa ma setax ikompli l-hidma tieghu ta' sewwieq. F'dan ir-rigward il-konvenut kellu l-oneru li jressaq l-ahjar prova. Il-hrug tal-pensjoni tal-invalidita' ghal sena ma hiex prova li ma setax jaghmel xoghol tenut kont ta' dak li xhed Dr Galea Debono. Semmai dak li xhed Dr Galea Debono juri illi fiz-zmien li l-konvenut qed jiehu pensjoni tal-invalidita' huwa kien kapaci jaghmel xogol u mhux li ma kien kapaci jaghmel l-ebda xoghol kif pensjoni tal-invalidita' suppost tipprospetta.

Il-konvenut ghad ghandu 37 sena u ghalhekk tenut kont li l-kondizzjoni medika tieghu ma taghmiliex impossibbli illi jaghmel xoghol adattat ghalih ma jistax jitqies li m'ghandux kapacita' lavorativa. Mill-provi mressqa jirrizulta li l-konvenut effettivament jaghmel xoghol nonostante li jikkontendi li mhux kapaci jahdem. Jidher li l-konvenut ghamilha l-mira tieghu illi manteniment ghal ibnu minuri ma jhallasx.

Is-sottomissjoni tal-konvenut illi l-attrici ghandha impieg tajjeb u allura tista' wahedha tmantni lill-minuri m'ghandiex fondament legali. Huwa d-dover sew tal-omm kif ukoll tal-missier illi jmantnu lill-uliedhom. Il-fatt li xi hadd mill-konjugi ghandu dhul aktar minn iehor ma jfissirx illi l-obbligu ta' min ghandu anqas dhul jonqos. Min ghandu anqas dhul jibqalu l-istess obbligu skond il-kapacitajiet lavorativi tieghu tieghu.

Il-Qorti kellha l-opportunita' tisma' it-testimonjanza tal-konvenut viva voce waqt ix-xhieda in subizzjoni tieghu. Mill-kumpless tal-provi il-Qorti hi konvinta illi apparti dak li jippercepixxi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, l-konvenut ghandu dhul iehor minn hidma li huwa ma jiddikjarax.

Ghaldaqsant tenut kont dak fuq konsidrat il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut ghandu jkompli jikkontribwixxi manteniment ghall-minuri fis-somma ta' mija u hamsa u sittin ewro (€165.00) fix-xahar liema manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Sabiex jigu evitati kwistjonijiet bejn il-partijiet rigwardanti nuqqas ta' hlas ta' manteniment il-Qorti ser tordna li l-manteniment dovut ghall-minuri jitnaqqas direttament mill-beneficcji socjali li l-konvenut jircevi.

Tenut kont li l-konvenut huwa l-parti sokkombenti f'din il-kawza l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu lilu akkollati.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri C D is-somma ta’ €165.00 fix-xahar liema ammont ghandu jizdied kull sena fl-anniversarju ta’ din id-decizzjoni skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-konvenut ghandu jkompli jhallas il-manteniment hawn ordnat lill-attrici anke wara li l-minuri jaghlaq l-eta’ ta’ tmintax-il sena purche’ jkun ghadu jirrisjedi mal-attrici u jkun student *full-time* u dan sakemm jaghlaq l-eta’ ta’ tlieta u ghoxrien sena.

Il-Qorti tordna li l-manteniment hawn ordnat jinqata’ direttament mill-beneficcji socjali u mill-pensjonijiet li l-konvenut jippercepixxi minghand id-Dipartiment tas-Sigurta’ Socjali u jithallas direttament lill-attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------